**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar-il Gimgha, 16 ta' Marzu, 2001**

**Numru 16**

**Avviz. numru 985/00JR**

**Thomas Smith Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta' estera SIAT kif surrogata fid-drittijiet ta' Astrid Vella u l-istess Astrid Vella**

**vs**

**Lewis Gauci**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Lulju 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li gara fl-20 ta' April 1999 f'St Andrews Road, St Andrews bejn il-karozzi DAD 338 u CAM 635 liema ncident gara unikament b'tort u negligenza tieghu u ntalab li ghalhekk jigi ordnat ihallas l-ammont ta' Lm93.50 lis-socjeta' Thomas Smith Insurance Agency Limited liema ammont huma d-danni fil-**

**karozza assikurata u l-ammont ta' Lm25 lil Astrid Vella ammont li hallset hi bhala excess.**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ittra ufficjali datata 5 ta' Mejju 2000. Bl-ispejjez ukoll ta' l-ittra ufficjali kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ippresentata kontestwalment kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata fil-25 ta' Jannar, 2001, fejn intqal illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti peress illi l-incident awtomobilistiku "de quo" sehh unikament tort ta' Astrid Vella u dana minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha;**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Astrid Vella, Lewis Gauci, u P.S.1113 Emanuel Aquilina. Ha konjizzjoni ta' l-affidavit ta' Ivan Distefano. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Il-kawza jirrigwarda kollizjoni li grat fl-20 t'April, 1998, f'St.Andrew's Road, St. Andrew's, f'dik il-parti tat-triq wara li taqbez it-"traffic lights" u toqrob lejn il-Forum Hotel. L-attrici kienet qed issuq il-vettura DAD-338. Il-konvenut kien qed isuq il-vettura LAH-635.**

2. **Fil-kaz in ezami jirrizulta li sketch ma setghax isir peress li l-karrozza LAH-635 kienet iccaqalqet. Gie esebit mis-Surgent P.S.1113 Emanuel Aquilina, ir-Road Accident Report, Dok.A. Skond ma ntqal lis-Surgent minn Lorian Abela u Joe Sehiro, passiggiera mal-konvenut, l-attrici kisret ghall-gol-lane taghhom, filwaqt li l-attrici qalet li kienet issorpassat lill-konvenut hdejn fejn hemm "Jessie's Bar" u l-konvenut li kien miexi ghan-nofs, baqa' miexi fin-nofs meta hi kellha tidhol il-gewwa. B'hekk tghid li l-konvenut habat fiha minn wara.**

3. **Mix-xhieda tal-partijiet jirrizulta li dawn kienu ghaddejjin b'velocita` normali ta' xi 25/30mfs. L-attrici kienet miexja fuq il-lemin tal-karreggjata filwaqt li l-konvenut kien miexi fuq ix-xellug ta' l-istess, it-tnejn li huma mexjin fl-istess direzzjoni, cioe` lejn Bahar-ic-Caghaq.**

4. **Jirrizulta li l-konvenut kien miexi piuttost ghan-nofs tal-karreggjata, tant li ir-roti ta' naha tieghu kienu qabzu l-linja medjana tal-karreggjata. L-attrici qabzet lill-konvenut, u wara, t-triq f'dik il-parti tidjieq u ghalhekk necessarjament l-attrici kellha tkompli miexja il-gewwa biex tkompli issegwi mal-karreggjata. Jidher li l-konvenut baqa' sejjer ftit ghan-nofs kif kien, bil-konsegwenza li habat fl-attrici minn wara.**

5. **Jirrizulta li l-attrici kellha danni fuq il-mudguard u bumper ta' wara in-naha tax-xellug, filwaqt li l-konvenut kellu danni fuq in-naha ta' quddiem.**

6. **Kif deciz mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza "Willaim Buhagiar vs Nazzareno Borg" deciza fl-1 ta' Gunju, 1959:**

> **"Fil-kors ordinarju tat-traffiku stradali, vejikolu li jigi quddiem vejikolu iehor, u jigi milqut mill-vejikolu ta' warajh, ikollu favur tieghu, salvi cirkostanzi specjali, il-pricipju illi responsabbli tal-habta jkun il-vejikolu ta' wara, specjalement meta l-vejikolu ta' quddiem kien fuq is-"side" tieghu. Imma biex wiehed jasal ghal konkluzjoni korretta f'kaz simili, jehtieg jiddistingwi bejn il-kaz hekk indikat u l-kaz tal-vejikolu li jigi milqut bla ma tkun interveniet ebda manuvra precedenti. B'mod illi, jekk si tratta minn vejikolu li originarjament kien miexi wara vejikolu iehor, u mbghad jissorpassah, u jigi milqut minn dak il-vejikolu hekk sorpassat, il-kaz ikun differenti.**
>
> **Ghax f'dan il-kaz ghandu jigi distint jekk il-vejikolu li ghamel l-"overtaking" baqghax sejjer, jew inkella waqafx, wara li ghamel il-manuvra tal-**

> **"overtaking"; u din id-distinzjoni hija fondamentali, u ghanha tikkostitwixxi l-"punto di partenza" fil-fissazzjoni tal-aspett guridiku tal-kaz."**

7. **Hekk ukoll jehtieg li ssir il-prova dwar jekk is-sewwieq tal-vejikolu sorpassat kienx qed izomm "a proper lookout".**

8. **Ghalhekk, tenut kont ta' dan, jirrizulta li fil-kaz in ezami, l-attrici kienet gja issorpassat lill-konvenut, u dana lanqas biss ma induna biha, u fil-fatt kif jghid hu stess induna biss mal-habta, li hu jiddeskrivi bhala tant zghira li lanqas ma dehrlu li kellu jieqaf. It-tort tal-konvenut huwa duplici, kemm li zamm ghan-nofs taz-zewg karreggjati, cioe` li kellu roti ta' naha jinvadu l-karreggjata ta' l-attrici, kif ukoll li wara li l-attrici qabzitu, huwa ma kienx qed izomm "proper lookout", bil-konsegwenza li grat il-kollizzjoni. Ghalhekk ghall-incident in kwistjoni jahti unikament il-konvenut.**

9. **Id-danni jirrizultaw mis-survey, Dok.B, ir-ricevuta, Dok.C. Dawn b'kollox ammontaw ghall-mija u tmentax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm118.50), mill-liema l-attrici hallset hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00) bhala "excess".**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlieta u disghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm93.50) lis-socjeta' Thomas Smith Insurance Agency Limited, u l-ammont ta' Lm25 lil Astrid Vella bl-imghaxijiet mill-5 ta' Mejju, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**